MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tad-29 ta' April, 2009

Numru. 1397/2007

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR MAURICE CURMI**

**KONTRA**

**ENZO PULIS ta’ 32 sena, bin Joseph u Antonia nee’ Gatt, imwieled Attard nhar is-26 ta’ Ottubru, 1975, residenti fil-fond numru 24, Sqaq l-Gharghar, Birkirkara, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 543275M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra l-hawn fuq imsemmi Enzo Pulis li gie akkuzat talli:

1. Fis-26 ta’ Settembru, 2007, fil-hanut bl-isem ‘Extreme’, Birkirkara, iffalsifika jew biddel minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki, jew sinjali distintivi tax-

xoghol tal-mohh jew prodott ta’ industrija, jew manifattura, jew xjentemenet ghamel uzu ta’ sinjali, tabelli jew emblemi li jkun fihom indikazzjoni li tista’ tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegh tali merkanzija, jew xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghall-hsieb ta’ kummerc, merkanzija b’marka, sinjal jew emblema imxebbhin b’qerq, u cioe’ numru ta’ DVDs, ai termini tal-Artikolu 298(1) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, u cirkostanzi, bi qliegh jew bi skop ta’ kummerc, stampa, immanifattura, idduplika, jew mod iehor irriproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam, jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-ordnijiet li johorgu mid-drittijiet ta’ l-awtur li jkollha persuna ohra, u protetti bil-Ligi ta’ Malta, jew tahtha, ai termini tal-Artikolu 298B tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ikkunsidrat:

Illi rat illi fl-interrogatorju Enzo Pulis kien wiegeb li hu kien hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Rat li moghti terminu biex jikkonferma l-istess ammissjoni, Enzo Pulis ikkonferma l-istess fis-seduta tal-lum.

Rat id-dokumenti ezebiti minn Dr Patrick Galea DOK PG u DOK PG1, u DOK MC u DOK MC1 ezebiti mil-Ispettur Maurice Curmi.

Rat ukoll il-fedina penali ta’ l-istess akkuzat (DOK MC 1).

Ghaldaqstant, fuq tali ammissjoni, qieghda ssibu hati ta’ l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu, u dan wara li rat l-Artikoli 298(1), 298B, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Qed jigi mehlus mill-effetti tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, in kwantu tali spejjez ma gewx inkorsi minhabba l-ammissjoni bikrija ta’ Enzo Pulis.

Dwar il-piena, rat il-fedina penali, jew rat li ebda sentenza in sostenn ta’ l-istess ma gietx ezebiti.

Tikkundannah ghal multa ta' erba' mija u sitta u sittin Ewro(€466).

Tordna wkoll illi d-DVDs ezebiti (formalment) jigu distrutti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------